

Brussell, 15 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14473/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0369(APP)

FIN 1191
CADREFIN 196
RESPR 40
POLGEN 147

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	14442/22 (COM(2022) 595 final)
Suġġett:	Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 – <i>Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew</i>

1. Fid-9 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027¹. Ir-Regolament propost tal-Kunsill huwa parti mill-pakkett ta' proposti dwar il-finanzjament tal-appoġġ lill-Ukrajna, flimkien mal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument biex jipprovdi appoġġ lill-Ukrajna (assistenza makrofinanzjarja +)² u l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 fir-rigward tal-istabbiliment ta' strateġija ta' finanzjament diversifikata bħala metodu ta' self ġenerali³.
2. Fil-11 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni bagħtet ittra lill-President tal-kumitat ikkonċernat fil-Parlament Ewropew biex tinkoraġġixxi t-trattament ta' dan il-fajl bħala kwistjoni ta' urġenza.

¹ Dok. 14442/22.

² Dok. 14562/22.

³ Dok. 14443/22.

3. Il-proposta tinkludi dispożizzjoni li testendi l-mobilizzazzjoni ta' garanzija għal assistenza finanzjarja lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP lill-Ukrajna għal assistenza finanzjarja disponibbli għas-snin 2023 u 2024.
4. F'konformità mal-Artikolu 312(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill għandu jadotta r-Regolament billi jaġixxi unanimament u wara li jikseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.
5. Fl-14 ta' Novembru 2022, il-Kumitat tal-Baġit iddiskuta l-proposta għal emenda teknika għar-Regolament dwar il-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027, u ffinalizza l-ħidma teknika fuq it-test tal-abbozz ta' Regolament tal-Kunsill, kif jinsab wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti fid-dokument 14471/22. Il-Presidenza tqis li t-test kif jinsab fid-dokument 14471/22 huwa lest biex jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew bil-ħsieb li tinkiseb l-approvazzjoni tiegħu.
6. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill biex jibgħat l-abbozz ta' Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument 14471/22, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu, f'konformità mal-Artikolu 312(2) TFUE.